MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 31/1999/1

**Avviz Nru 31/99 DM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Monica Abdilla abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Monica Abdilla**

**vs**

**Giuseppe Azzopardi u b'digriet tal-11 ta' Mejju 1999 l-Avukat Paul J. Farrugia LLD gie nominat kuratur biex jipprezenta l-eredita giacenti tal-imsemmi konvenut Giuseppe Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-Ligi, il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta attrici Fogg

Insurance Agencies Limited s-somma ta’ mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u sitta u tmenin centemzu (Lm127.86) ammont rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Monica Abdilla u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u di piu thallas lill-attrici Monica Abdilla is-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm175.00) rapprezentanti “excess payment”, li ma kienux koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni; liema danni gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-1 ta’ Mejju 1998 ghal-habta tal-6.30 pm gewwa b’Bugia Road, B’Bugia bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAN 591 proprjeta ta’ l-attrici Monica Abdilla, u l-vettura misjuqa minnhu bin-numru ta’ registrazzjoni LAM 217 liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ Dicembru 1998 u ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment mal-prezentata tal-avviz lis-socjeta Laferla Agency Limited u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe Azzopardi fejn eccepixxa illi:-

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u traskuragni tal-eccipjenti izda minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-attrici Monica Abdilla;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suddett, id-danni riklamati mill-atturi bhala rizultat tal-kollizzjoni huma ezagerati;
3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Billi l-konvenut miet fil-mori tal-kawza l-provi prodotti dwar ir-responsabbilta ghall-kollizzjoni in kwistjoni jikkonsistu f'dawk ix-xhieda li gew prodotti mill-atturi.

Minn dawn id-deposizzjonijiet jirrizulta illi l-kollizzjoni grat meta Christian Abdilla li kien isuq il-vettura assikurata mall-atturi, hareg minn post fejn kien ipparkeggjat fuq il-lemin tat-triq u kif qabad jipprocedi fi triqthu intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut li kien qieghed jissorpassah.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti triq tezamina l-kaz biex tiddetermina jekk il-hrug ghal gol karreggjata ta' Christian Abdilla kienx influenti ghal mod kif grat il-habta.

Jekk Christian Abdilla jista' jitqies illi kien hareg minn fejn kien ipparkeggjat u kien digia' ha posthu fit-triq principali, ir-responsabbilta' tal-kollizzjoni hija tal-vettura li kienet qieghdha tipprocedi minn warajh u pprovat tissorpassah minn fuq in-naha tax-xellug tieghu u ghalhekk ukoll kontra r-regolamenti tat-traffiku.

Ghalhekk fin-nuqqas tad-deposizzjoni tal-konvenut il-Qorti trid tezamina l-manuvra li ghamel Christian Abdilla fid-dettal biex tkun tista' tiddecidi dwar ir-responsabbilta'.

Mid-deposizzjoni tal-istess Christian Abdilla, ikkorroborat mix-xhud indipendenti John Grech, jirrizulta illi dan kien ipparkeggja l-vettura tal-attrici Monica Abdilla faccjata ezatt tal-hanut 'Hot Spot' pastizzerija indikat fl-isketch a fol 54 (tal-process) u dan wara vetturi ohra ipparkeggjati, murija wkoll fl-istess sketch, u meta gie biex johrog minn dan il-post, Abdilla allega illi esplora t-triq ghat-traffiku li setgha gej minn warajh, xeghel l-indicator, ma ra lill hadd, hareg minn wara l-karrozzi pparkeggjati u illi wara li kien

lahaq ipproceda xi tul ta’ zewg (2) karrozzi, intlaqat mill-konvenut li gie minn warajh.

Huwa krucjali ghad-determinazzjoni ta’ din il-kwistjoni illi jigi stabbilit fejn kienet il-vettura tal-konvenut meta Christian Abdilla beda bil-manuvra tieghu.

Billi ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-isketch, jirrizulta illi l-vettura ta’ Abdilla mill-post fejn kienet ipparkeggjat sal-post fejn waqfet kienet ittraversat distanza ta’ (12) tnax- il metru. Dan qed jinghad ghaliex gie stabbilit illi l-vettura ta’ Abdilla kienet ipparkeggjata faccata ezatt ta’ “Hot Spot” pastizzerija indikat fl-imsemmi skizz.

Ghalhekk tenut kont tal-fatt illi l-vettura ta’ Abdilla bdiet il-manuvra taghha minn wieqfa’, huwa logiku li wiehed jassumi li sal habta kienet lahqet  almenu velocita’ ta’ (10) ghaxar kilometri fis-siegha, u ghalhekk kienet ittraversat it-(12) tnax- il metru  b’velocita’ medja ta’ (5K/s) hames kilometri fis-siegha.

Dan jindika illi l-hin li ghadda minn meta Abdilla beda jiccaqlaq sa meta waqfet il-vettura tieghu fil-post indikat fl-iskizz kienu ghaddew madwar (26) sitta u ghoxrin sekonda.

Ghalhekk biex wiehed jistabillixxi jekk il-konvenut kellux bizzejjed pre-avviz biex jinduna bil-prezenza ta’ Abdilla fil-karreggjata tieghu, wiehed irid jistabillixxi f’liema distanza kien ghadu l-konvenut meta beda l-manuva Abdilla. Ossia wiehed irid jistabillixxi kemm lahqet ipprocediet il-quddiem il-vettura tal-konvenut fis-(26) sitta u ghoxrin sekonda illi damet il-manuvra ta’ Abdilla.  Biex jsir dan il-kalkolu jrid jigi determinat x’kienet il-velocita’  li bih kien qed jipprocedi  l-konvenut.

Ghalkemm Grech jiddikjara illi dan kien gej b’velocita’ eccessiva n-nuqqas ta’ ebda ‘brake mark’ u d-distanza vicina li fiha waqfet il-vettura tal-konvenut huma indikattivi ta’ velocita’ medja ta’ madwar (30k/s) tletin kilometru fis-siegha.

Din il-velocita' timplika li fis-26 (sitta u ghoxrin) sekonda l-konvenut kien ittraversa 216 (mitejn u sittax) il-metru. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien almenu 216 (mitejn u sittax) il-metru l-boghod mill-vettura ta' Abdilla meta dan beda l-manuvra biex johrog ghat-triq biex johrog fil-karreggjata minn fejn kien ipparkeggjat.

Din id-distanza kienet distanza ferm sufficjenti sabiex sewwieq attent ikun lahaq induna bil-vettura li kienet qed tiehu posta fil-karreggjata quddiemu u ghalhekk kien obbligu tieghu illi naqqas il-velocita' tieghu biex ikun jista' jippermetti l-vettura l-ohra biex takkwista' l-velocita' normali taghha.

Ghalhekk tirrizulta definittavament responsabbilta' da parti tal-konvenut ghal-kollizzjoni in kwistjoni. Izda dan ma jezonerax ghal kollox il-manuvra maghmula minn Christian Abdilla.

Infatti jirrizulta illi t-triq li fiha saret il-habta hija triq dritta ghat-tul u ghalhekk meta Christian Abdilla beda jisposta ruhhu kien obbligat illi esplora sew it-triq u li jinduna bil-prezenza ta' kull vettura li tkun gejja minn warajh f'distanza ragonevoli.

Billi Christian Abdilla jiddikjara illi, ghalkemm huwa hares ghat-traffiku li setgha gej minn warajh, huwa ma ra lil hadd, u billi evidentement il-konvenut kien hemm u kien hemm f'distanza ta' wisq inqas mill-216 (mitejn u sittax) il-metru, Christian Abdilla kien mistenni li jinduna bil-prezenza tieghu u bil-velocita' tieghu u li, anke meta jiehu postu fil-karreggjata, kienmistenni li jzid il-velocita' kemm jista' jkun kmieni biex ma jostakola b'ebda mod xi sewwieq li setgha anke ma ndunax bil-prezenza tieghu.

Ghalhekk anke Christian Abdilla is-sewwieq tal-vettura tal-attrici ghandhu wkoll responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni w il-Qorti qieghdha tistabilixxi grad ta' terz (1/3) ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ta' Christian Abdilla.

Ghaldaqstant tiddikjara illi r-responsabilta' tal-konvenut ghall-incident in kwistjoni hija fi grad ta' zewg terzi (2/3) u hu ghalhekk tenut li jhallas zewg terzi (2/3) mid-danni illi sofrew l-atturi.

Mid-dokumenti prodotti jirrizulta illi d-danni komplessivi li sofrew l-atturi jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm302.86 (tlett mija u tnejn liri Maltin u sitta u tmenin centezmu) li minnhom Lm127.86 (mija u seba' u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) sofrewhom l-atturi Fogg Insurance Agencies Ltd u s-somma ta' Lm175 (mija u hamsa u sebghin liri Maltin) sofriethom l-attrici Monica Abdilla.

Ghalhekk il-konvenut huwa tenut illi jhallas lill-atturi Fogg Insurances Agencies Ltd zewg terzi (2/3) tas-somma minnhom zborsata u ghalhekk somma ta' Lm85.24 (hamsa u tmenin liri Maltin u erba' u ghoxrin centezmi) u li jhallas lill-attrici Monica Abdilla zewg terzi (2/3) tas-somma minnha mhallsa bhala excess u ghalhekk somma ta' Lm116.66 (mija u sittax il-lira Maltin u sitta u sittin centezmu), u dawn bl-imghax legali b'effett mill-15 ta'Jannar 1999.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi flimkien u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48